**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 14 – IT-TNEJN, 17 TA' FRAR 2020 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 13

1.1 F'punt 6.3 għandha tidħol "u quddiem il-Lourdes Pharmacy".

1.2 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 13

2.1 Dwar paragrafu 2.3 qed nistennew ir-rapport ta' TM.

2.2 Dwar paragrafu 3.1 dwar pagament numru 24, kien hemm konferma li dan il-pagament tħallas wara li ġiet komunikazzjoni mid-DLG li dan il-pagament għandu jitħallas. Is-Sinjura Joan Farrugia qalet li għalkemm hi taqbel li dan il-pagament għandu jithallas, hi tħossha li ġiet żgwidata mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv sostna li d-deċiżjoni ttieħdet minħabba l-periklu reali li kien hemm fil-Ġnien u biex jiġu evitati korrimenti jew imwiet kaġun ta' dan il-periklu li anke kien fir-rapporti tal-health and safety. Għal din ir-raġuni, sostna li d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill kienet waħda responsabbli.

2.3 Dwar paragrafu 4.2 ġie konkluż il-BOQ u qed jiġi ppreparat id-dokument biex tinħareġ sejħa pubblika u ssir applikazzjoni lil PA.

2.4 Is-Sinjura Joan Farrugia ilmentat li kien hemm żewġ kunsilliera, Dominic Cassar u David Dalli li ma rċevewx invit peress li dan intbagħat mis-Segretarju Eżekuttiv b'email biss, u dawn il-kunsilliera m'għandhomx email.

**3 Pagamenti Numru 13**

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 6 favur u wieħed astenzjoni.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Kien hemm qbil li jiġi ingaġġat Engineer biex jagħmel rapport tal-lighting fixtures fil-ġonna ta' San Ġwann biex jaghmel BOQ u tinħareġ sejħa għal dawn ix-xogħlijiet.

4.2 Is-Sindku ppropona li fis-sejħa pubblika għal manutenzjoni tal-ġonna, għandha tintalab għal minimu ta' 5 haddiema u mhux 4 biex isiru x-xogħlijiet mitluba. Kien hemm qbil unanimu.

4.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jibda servizz lir-residenti ta' ġbir bulky ta' zkuk u ħaxix mill-ġonna tad-djar. Kien hemm qbil unanimu li dan jibda u għandu jsir mill-ġardinar.

4.4 Is-Sindku ressaq ir-rapport amministrattiv kif ukoll 3 year plan. Kien hemm qbil unanimu dwar dawn.

**5 Korrispondenza**

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar proposta biex issir website tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni tal-Kumpanija 92 Beep Studios.

5.2 Kien hemm diskussjoni dwar kwotazzjoni tal-Ability Publications biex isir il-fuljett elettroniku tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tiġi aċċettata din il-kwotazzjoni.

5.3 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-proposta tal-FKNK San Ġwann biex iħawwlu siġar u arbuxelli fis-soft areas fi Vjal ir-Riħan. Il-Kunsill irringrazzja lil din l-għaqda tal-inizjattiva.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar it-tender tal-Bulky Refuse. Ġiet innutata r-risposta tal-Avukat tal-Kunsill dwar dawn l-offerti. Il-parir legali hu li s-Sur Saviour Galea kien l-unika offerrant li sottomessa vettura curtain sided. Wara dan, is-Sur Dominic Cassar ippropona li tintgħażel l-offerta tas-Sur Saviour Galea. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

5.5 Dwar l-attività li għandna mid-Dog Section u l-banda tal-pulizija, għandha tintgħażel data aktar tard meta ser issir.

5.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill jippubblika ktejjeb bil-kitba tas-Sinjura Mousù. Kien hemm qbil ukoll li tintgħażel il-kwotazzjoni tas-Sur Jesmond Arpa ghal printing ta' dan il-ktejjeb.

5.7 Kien hemm diskussjoni dwar talba biex isir double yellow line tul il-ħajt fi Triq Saver Zarb biex ma jsirx parkeġġ. Kien hemm qbil li dan ma jsirx.

5.8 Kien hemm qbil li jsir xi merchandising. Kien hemm qbil li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet għal dan.

5.9 Kien hemm qbil dwar talba għal No Objection biex issir dimonstrazzjoni bl-istatwa ta’ Kristu Rxoxt flimkien mal-Banda takkumanja, fl-Għid il-Kbir fit-12 ta'

April 2020. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jiffinanzja l-ispiża ta' 400 Euro għal preżenza tal-Pulizija extra għal sigurtà fit-toroq.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

6.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 2 ta' Marzu 2020 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**